TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/530/11/S

Carmel u Marion Mifsud
Vs
Sebastian Duca ezercenti l-kummerc bhala Casa Completa

Illum 16 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmel u Marion MIfsud ipprezentata fl-20 ta'Dicembru,2011 u r-risposta ta' Sebastian Duca ezercenti l-kummerc bhala Casa Completa ipprezentata fil-21 ta'Gunju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda hsarat li saru f'xi madum tal-art fil-kamra tal-banju tal-konjugi Mifsud waqt xogholijiet li kienu qed isiru minn Sebastian Duca;

Illi l-partijiet kienu waslu ghal transazzjoni quddiem dan it-Tribunal fid-29 ta'Novembru,2012, fejn Sebastian Duca kien obbliga ruhu li jibdel 6 madumiet ta' 60cm b'60cm 'il wahda, b'muzajk tal-hgieg maghzul mill-konjugi Mifsud filwaqt lid an ix-xoghol kellu jkun lest sal-ahhar ta'Dicembru,2012;

Illi permezz ta' nota pprezentata fit-2 ta'Jannar,2013, ir-rikorrenti infurmaw lil dan it-Tribunal li l-intimat ma kienx zamm mal-imsemmi ftehim u kien ghadu m'ghamilx l-imsemmi xoghol;

Illi sussegwentement l-intimat mar id-dar tar-rikorrenti fil-15 ta'Jannar,2013 biex jaghmel ix-xogholijiet u r-rikorrenti infurmawh bin-nota taghhom;

Illi min-naha tieghu permezz ta' nota pprezentata fis-17 ta'Jannar,2013, l-intimat spjega li minhabba 4 festi fix-xahar ta'Dicembru, il-haddiem tieghu kien indispost u skont l-istess intimate, fi zmien il-festi, ma jinqalax trab;

Illi jinghad mal-ewwel li kull ftehim ghandu jinzamm u l-intimat kellu kull opportunita li jitlob iktar zmien meta sari l-ftehim li x-xoghol kellu jitlesta sal-ahhar ta'Dicembru,2012;

Illi min-naha l-ohra wiehed kien jistenna li l-intimat isaqsi lir-rikorrenti jekk iridux li x-xoghol ta' tiswija jsir fi zmien il-festi u mhux ikun l-intimat li jiddeciedi ghalihom;

Illi f'dan il-kaz, il-konsumatur ma giex trattat kif wiehed jistenna;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jordna lil Sebastian Duca ezercenti l-kummerc bhala Casa Completa jibdel sitt (6) madumiet ta' 60cm b'60cm 'il wahda u jqieghed muzajk tal-hgieg maghzul mir-rikorrenti konjugi Mifsud u dan kollu a spejjez tal-intimat

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21230888

Sebastian Duca, liema xoghol irid jitlesta sal-15 ta'Gunju,2013 u fin-nuqqas li dan ma jsirx, l-intimat Sebastian Duca irid ihallas lill-konjugi Mifsud is-somma ta' €600 kif mitluba fl-avviz tat-talba u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru